MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Avviz Numru. 167/2007

**Vella Falzon Capital Projects**
**Vs**

**Roderick Bonnici**

**Il-Qorti:-**

Rat li s-socjeta attrici pprezentat rikors fir-Registru ta' din il-Qori nhar il-hamsa (5) ta' Gunju 2007 fejn talbitha tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbat elef disa' mija u sittax-il lira u tlieta u erbghin centezmu Malti (LM4,916.43) oltre l-imghax legali rapprezentanti din is-somma bilanc minn somma akbar, prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu mill-kumpanija rikorrenti u ta' xoghlijiet ta' tqeghid tal-isess merkanzija li ghadu ma thallasx.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata tmienja (8) t'April 2007.

Il-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Roderick Bonnici prezentata nhar is-sbatax (17) ta' Settembru 2007 fejn ecepixxa s-segwenti:-

1. Illi in linea preliminari t-talbiet attrici 'n kwantu jikkoncernaw it-talba ghal hlas tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata ghandha tigi michuda stante li l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.
2. Illi sussidjarament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in vista ukoll sia tal-eccezzjoni precedent u sia ta' dawk sussegwenti, ghandu qabel xejn jigi determinat kemm hu l-ammont li s-socjeta attrici qed tirreklama bhala hlas tax-xoghlijiet.
3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici in kwantu jikkoncernaw l-ammont reklamat in konsiderazzjoni tal-merkanzija mibjugha dan mhux dovut.
4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jikkoncerna l-ammont reklamat in konsiderazzjoni tax-xoghlijiet ta' tqeghid, dan mhux dovut stante li ma sarx skond l-arti u s-sengha.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu flimkien ma tlett (3) dokumenti mmarkati bhala Dok. RB 1 sa RB 3.

**Roderick Bonnici** jistqarr li ghall-habta tal-ahhar ta' Lulju 2004 kien qed jaghmel xi xoghlijiet fid-dar tieghu f'Hal Qormi w ghalhekk kien qed idur diversi hwienet biex jara l-prezzijiet u minghand min kien ser jixtri l-madum u l-kamra tal-banju ghad-dar. Fost l-ohrajn jghid li mar ghand is-socjeta attrici f'Hal Qormi. Kien ghogbu l-materjal u ghalhekk kien ha l-*quote*.

Wara ftit kien rega mar ghand is-socjeta attrici u ghamel ordni ghal madum ta' l-art, Gres ghat-tarag u l-parquet. Ma l-ordni Alexis Vella Falzon kien talbu sabiex ighamel *deposit* u fil-fatt huwa kien hallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) akkont u dan kif jirrizulta mir-ricevuta esebita u markata bhala Dok. RB 1. Din ir-ricevuta kienet

harget mis-socjeta Vella Falzon Building Supplies Ltd. Ikkonferma li din l-ordni giet konsenjata lilu wara xaghrejn.

Nelfrattemp huwa baqa' idur sabiex jara l-prezzijiet tal-kmamar tal-banju u spicca rega mar ghand Vella Falzon sabiex jistaqsihom ghal xi *quotation* u ddecida li jixtri l-kamra tal-banju minghandu ghaliex kien tah *discount* tajjeb. Huwa ghalhekk ghamel l-ordni u tah s-somma ta' elfejn lira Maltin (LM2,000) bhala akkont. L-ircevuta li nghatatlu harget mis-socjeta Vella Falzon Building Supplies Ltd u dana kif jidher mid-dokument esebit u markat bhala Dok. RB 2.

Jispjega illi waqt l-ordni qamet il-kwistjoni min kien ser iqieghdlu l-madum u Alex Vella Falzon qallu li seta jaqdih. Waqt li beda x-xoghol Alex Vella Falzon kien cempillu u staqsih ghal depozitu iehor u fil-fatt tah *deposit* iehor akkont tax-xoghlijiet fl-ammont t'elf lira Maltin (LM1,000). L-ircevuta li nghata din id-darba kienet intestata Vella Falzon Capital Projects Limited u dan kif jirrizulta mir-ricevuta esebita u markata bhala Dok. RB 3. Jghid li sa dak iz-zmien li ghamel dan il-pagament il-kamra tal-banju kienet ghadha ma waslitx u fil-fatt jispjega li damet ma waslet. Fil-fatt waslet xi sena wara.

In kontr'ezami nhar it-tnax (12) ta' Dicembru 2007 ix-xhud ighid li kien minnu li f'Lulju 2004 huwa kien mar ghand Vella Falzon fil-hanut gewwa Hal Qormi sabiex jigbor xi *quotations* u li sussegwentement kien ikkonferma l-ordni tieghu. Ikkonferma li nhar l-ghaxra (10) t'Awissu 2004 kien hallas is-somma ta hames mitt lira Maltin (LM500) u fit-tnax (12) t'Ottubru 2004 kien hallas mitejn lira Maltin (LM200) ohra. Spjega li l-hames mitt lira Maltin (LM500) kien hallashom fuq xiri ta madum ta' l-art u kien tahom bhala *deposit* fuq ix-xiri tal-kmamar tal-banju. Dwar it-tqeghid kien tkellem ma l-istess persuna fl-istess stabiliment fejn kien xtara kollox. Ikkonferma li r-ricevuta mmarkata bhala Dok. RB 3 mahruga minn Vella Falzon Capital Projects, harget in konnessjoni ma tqeghid ta' madum.

**Alex Vella Falzon xehed** fl-istess jum tat-tnax (12) ta' Dicembru 2007 u kkonferma li l-ircevuta markata bhala Dok. RB 3 giet rilaxxjata minnu waqt li z-zewg ricevuti l-ohra mmarkati bhala Dok. RB 1 u RB 2 gew mahruga minn ohtu. Jghid li pero n-negozjati mal-konvenut saru minnu. Mistoqsi ghaliex l-ircevuti hargu minn zewg kumpaniji distinti jghid li s-socjeta attrici hija l-kumpanija li tiehu hsieb it-*turnkey projects* waqt li s-socjeta Vella Falzon Building Supplies hija s-socjeta li tipprovdi il-bejgh tal-oggetti *whole sale* u *retail*. Ighid li ghalhekk minflok ma l-klijent ikollu x'jaqsam ma zewg kumpaniji separati huma jifthu *file* wiehed u s-socejta Vella Falzon Building Supplies Ltd tipprovdi dak li ser jigi utilizzat mis-socjeta attrici mbaghad il-pendenzi taz-zewg kumpaniji jitrangaw internament. Huwa ghalhekk li l-ircevuta nharget mis-socjeta attrici ghaliex kienu diga bdew bix-xoghlijiet. Ikkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz fis-somma ta' erbat elef disa' mija u sittax il-lira u tlieta u erbghin centezmu Maltin (LM4,916.43) jirrapprezenta kemm *mano d'opera* kif ukoll materjal. Dwar dak li jigri internament bejn iz-zewg kumpaniji huma ma jghidu xejn lill-klijent.

Nhar it-tmintax (18) ta' Frar 2007 x-xhud rega' xehed u spjega li l-ammont mitlub fl-avviz jirrapprezenta 'n kwantu, ghal tlett elef, tlett mija u erbgha liri Maltin (LM3,304) ix-xoghol ghal-'*labour'* u l-bilanc jirrapprezenta l-materjal. Jghid li meta kien tkellem mal-konvenut huwa kien ghamillu *collection sheet* u gabarlu l-*quotations* kollha li ghandhom x'jaqsmu ma *supplies* u dahhalu l-*labour contents.* Huwa esebixxa dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. AVF 2. Jispjega u jghid li wara li kienet saret din il-*collection sheet* ghamel xi emendi li gew imhazza bil-miktub minnu u huma ndikati bil-kulur orangjo. Qal li l-ammont globali kien ta' sebat elef erba' mija u hames liri Maltin (LM7,405) eskluz il-VAT. Huwa esebixxa ukoll il-*quotations* li kien ghamel, konsistenti f'sitt faccati li gew mmarkati bhala Dok. AVF 3.

Spjega wkoll ulterjorment li fl-istruttura taghhom hemm tlett kumpaniji li joperaw u ghalhekk ighid li meta persuna tidhol fix-*showroom* tieghu ma jfissirx li gie biex jaghmel negozju ma kumpanija specifika izda kollox jiddependi fuq

ix-xoghol li jirrikjedi l-klijent. F'dan il-kaz, jispjega illi l-*quotations* kienu hargu fuq *quotation book* tas-socjeta Italian Image Company pero l-*logo* tal-grupp huwa Vella Falzon u jidher ukoll fuq dan id-dokument.

Rat is-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet premessi nhar it-28 ta' Mejju 2008 (fol. 35 et seq tal-atti) fejn kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar jekk kellux relazzjoni guridika mal-attur u kienet ordnat il-prosegwiement tal-kawza.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Jannar 2009 (fol. 68 et seq tal-atti) fejn ikkonfermat is-sentenza preliminari moghtija minn din l-istess Qorti nhar it-28 ta' Mejju 2008.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Roderick Bonnici ppresentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar t-tlettax (13) ta' Frar 2009 (fol.79 tal-atti) fejn eccepixxa li l-azzjoni attrici 'n kwantu tikkoncerna t-talba ghal hlas tal-prezz ta' merkanzija hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nhar s-sittax (16) ta' Gunju 2009 xehed **Dottor Alex Vella Falzon** (fol. 86) fejn qal li huma kienu talbu l-hlas fil-hamsa (5) ta' Jannar 2006. Qal li ma kienx sar hlas tal-madum per se', kien sar kuntratt t'appalt u l-madum kien jifforma parti minn dan il-kuntratt u li ghalih, ghalhekk il-bejgh tal-madum sar meta tlesta l-appalt. Spjega li dan kien process twil u ftakar li f'Ottubru 2004 il-konvenut kien diga' qed imur ghandhom ghal xi *quotations*. Qal li kien jaf li fil-process hemm ircevuta ghat-*tiling* bid-data tal-10 t'Awissu 2004 a fol. 11 ta' l-atti w ghalhekk bilfors li kienu ftehmu qabel din id-data. Mistoqsi jekk effettivament baghatux xi ittra ufficjali wiegeb li kienu baghatu u li din intbaghtet fit-tmienja (8) t'April 2007.

Illi nhar t-tmienja (8) t'Ottubru 2009 xehed **Alex Vella Falzon** (fol. 89) fejn esebixxa numru ta' dokumenti biex jindikaw li x-xogholijiet kienu ghadhom ghaddejjin u dan in relazzjoni mal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. T. Ix-xhud ta kopja

ta’ dawn id-dokumenti lil Dr. Carlo Vigna ghan-nom tal-konvenut.

Rat n-nota tal-kumpanija attrici ppresentata seduta stante nhar l-ghaxra (10) ta’ Marzu 2010 (fol. 107 et seq tal-atti) permezz ta’ liema esibixxa kopja tal-Ittra Ufficcjali ppresentata mill-kumpanija esponenti nhar t-tmienja (8) t’April 2007, li giet notifikata lill-intimat Roderick Bonnici nhar t-tnax (12) t’April 2007 (Dok. NVF 1), kif ukoll tan-Nota responsiva ppresentata mill-intimat nhar l-ghaxra (10) ta’ Mejju 2007 (Dok. NVF 1).

Rat li fis-seduta ta’ nhar l-ghaxra (10) ta’ Marzu 2010 xehed **Alex Vella Falzon in kontro-ezami** fejn ikkonferma li d-dokumenti li esebixxa fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2009 a fol. 90 et seq tal-process u mmarkati bhala Dok. T, kollha jirrelataw ghax-xoghlijiet li saru ghand il-konvenut. Ikkonferma wkoll li x-xoghol verament sar wara li l-konvenut kien ikkonfermalhom li kien se jixtri l-bathrooms. Qal li naturalment huma kienu baghtu l-madum biex jitqieghed fil-post u sussegwentement kienu baghtu wkoll il-fittings u l-bath accessories, ovvjament wara li l-madum kien tqieghed.

Gie muri document a fol. 98 tal-process, li huwa datat 21 ta’ Dicembru 2005. Filwaqt li kkummenta li d-dokument originali li jinsab f’idejn il-Qorti fih toqba li b’xi mod tista’ tfixkel fil-qari, ikkonferma li dan id-dokument jindika li mill-istores kienet harget xkora Keracrete Polvere ghal ghand il-konvenut Roderick Bonnici, u li dan kien relatat mal-istess progett. Qal li naturalment ix-xoghlijiet intemmu wara din id-data, cioe’ il-21 ta’ Dicembru 2005.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-ghaxra (10) ta’ Marzu 2010 fejn talbu lil din il-Qorti taghti sentenza ohra preliminari dwar l-eccezzjoi sollevata mill-konvenut in kwantu li t-talba ghal hlas tal-madum hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (b) tal-Kap 16.

Rat is-sentenza taghha tas-27 ta’ April 2010 fl-ismijiet premessi (fol. 108) fejn din il-Qorti ddikjarat li t-talba tal-prezz mitlub tal-bilanc tal-madum hija preskritta u fejn

kienet ordnat li l-kawza titikompla fir-rigward it-talba ghall-bilanc dovut ghall-kuntratt t'appalt.

Rat l-affidavit ta' **Alexis Vella Falzon** prezentat nhar is-sitta (6) ta' Mejju 2010 markat bhala dok AVF (fol. 124). F'dan l-affidavit ix-xhud, li jokkupa kariga ta' Managing Director tas-socjeta' attrici jghid li r-rwol tieghu jikludi t-treggija ta' progetti illi l-kumpanija attrici tkun appaltata li taghmel. Jghid li n-negozju principali tal-kumpanija attrici huwa dak ta' *turnkey projects* ossia progetti relatati ma' *finishes* u *interior decoration* ta' progetti taht kostruzzjoni, jew tigdid ta' bini, nkluz tqeghid ta' madum u materjal ohra ghall-art, kmamar ta' banju, installazzjoni ta' soffitti u l-provvista ta' materjali u xoghlijiet ohra simili u relatati.
Huwa spjega kif inhu maqsum il-prezz ta' forniment ta' materjal u prezz ta' xoghlijiet (labour) ghall-installazzjoni jew twahhil ta' l-istess materjal. Jghid li l-qasma bejn dak li huwa *supply* u *labour* tirrizulta mid-dokument AVF1. Qal li l-items indikati bin-numru 1 san-numru 15, min-numru 17 san-numru 23 u min-numru 29 sa 32 huma ghall-forniment tal-materjal, waqt li hemm diversi ammonti, kif ser jigu spjegati, li huma dovuti ghax-xoghol li sar b'appalt. L-item 16 ghas-somma t'erba' mitt Lira (Lm 400) huwa ghall-prezz ta' xoghlijiet ta' twahhil ta' kamra tal-banju. L-item 24 fl-ammont ta' disa' mitt Lira (LM900) jirreferi wkoll ghal-*labour* ta' *floor tiling*, inkluz is-cement u r-ramel ghat-twahhil. Dwar l-items 24 sa 28 ix-xhud jispjega li l-ammonti dovuti ghall-appalt huma in kwantu ghal mitejn u erbghin Lira (LM240) ghat-tqeghid tal-*parquet* skond item 25, mija w tmenin Lira (LM180) ghat-tqeghid tal-*parquet* skond item 26, erbgha w disghin Lira w hamsin centezmu (LM94.50) ghat-tqeghid ta' *skirting* w elf mija w tmienja w ghoxrin Lira u tliet centezmi (LM1128.03) ghax-xoghol li sar fit-tqattiegh u twahhil tal-gres. Naturalment irid jizdied il-VAT fuq l-ammont li talvolta jigi likwidat mill-Qorti. Tghid ukoll li ghalkemm hemm miktub li s-socjeta' attrici tat skont ta' 6.5% fuq l-ordni, dan kien intiz biss li japplika f'kaz li l-konvenut ihallas mill-ewwel appena mitlub, u mhux jekk il-pendenza tigi kontesta kif effettivament gara, u ghalhekk tghid li dan l-iskont gie rtirat.

Semghet ix-xhieda ta' **Alex Vella Falzon** moghtija fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2010 (fol. 129) fejn spjega li l-konvenut kien xtaq li jaghmel *laminated floor* u bhala procedura huma jpoggu *superficial tile* taht dan it-tip ta' *flooring*, fis-sens li l-kwalita tal-*flooring* tkun ta' kwalita' normali. Ikkonferma li l-konvenut kien talbu l-prezz ta' *supply and installation* tal-*parquet*, naturalment l-*underlay* ikun inkluz fil-prezz. Misotqsi kif effettivament iccargjaw lill-konvenut is-somma ta' mitejn u ghoxrin Lira (LM220) ghat-tqeghid jghid li din giet kalkolata bir-rata ta' hames Lirai w nofs (Lm5.50) kull metru kwadru ghall-materjal u erba' Liri w nofs (Lm4.50) ghat-tqeghid bl-*underlay*.

Jghid li mhux minnu dak li gie suggerit mill-konvenut li l-materjal ma wasalx kollu f'daqqa. Izda jghid li l-materjal wasal kollu skond l-ewwel ordni li saret u mbaghad waqt ix-xoghol il-konvenut zied mal-ordni orginali u kellha ssir ordni gdida ghal aktar materjal, u naturalment din waslet wara l-ewwel ordni. Ikkonferma li seta' kien il-kaz li l-kulur tal-ewwel konsenja ma jaqbilx mat-tieni konsenja. Jghid li ma jidhirlux li kien hemm xi lment dwar il-kwalita tat-tqeghid u f'kaz li kien hemm jikkonferma li dan gie rrangat. Ikkonferma li skond il-kont AVF1 esebit fl-atti hemm it-total kollu wara li tnaqqas id-*discount* u mat-total finali jrid jizdied il-VAT. Ikkonferma wkoll li peress li ma sarx il-hlas fil-pront id-*discount* ma ighoddx. Ikkonferma li minn mindu spiccaw ix-xoghlijiet sa meta nfethet il-kawza huwa ma kien ircieva l-ebda lment minghand il-konvenut dwar l-appalt.

Rat in-nota tal-**konvenut** li permezz taghha esebixxa l-affidavit ulterjuri tieghu flimkien ma' tlett dokumenti li gew immarkati bhala Dok RB4 sa RB6 rispettivament. Jghid li dan l-affidavit huwa limitat biss ghan-natura tax-xoghol li gie esegwit mis-socjeta' attrici. Qal li hu originarjament kien ftiehem mas-socjeta' attrici li jixtri l-*parquet* u kien ftiehem prezz maghhom u kien biss wara li xtara l-materjal li kien ghamel appalt mas-socjeta' attrici sabiex twahhallu l-*parquet*, u dan wara li kien ftiehem il-prezz. Dwar l-ordni tal-gres pero' jichad dak li qalu x-xhieda tal-atturi w appuntu dak li qal Alex Vella Falzon li l-qisien gew moghtija lilu minn Neill Busuttil, rapprezentant tieghu, izda

l-kejl gie mehud minn impjegati tas-socjeta' attrici stess minn zewg haddiema wiehed minnhom kien jismu Reno. Jghid li in segwitu' l-haddiema tas-socjeta' attrici bdew iqattghu il-gres u jwahlu. Kien hemm xi zmien meta waqqfu u meta huwa cempel lil Alexis Vella Falzon dan qallu li ma kienx hemm bizzejjed materjal u kellhom jergghu jordnaw mill-gdid. Dawn regghu bdew iwahluh una volta kien wasal u nduna li l-kulur ma kienx jaqbel. Jghid li huwa gharraf lil haddiema dwar dan u dawn irrispondewh li ma kinitx kwistjoni taghhom izda qalulu wkoll li kienu gharrfu lis-Sur Vella Fazlon li l-ordni li kellu ma kinitx ser isservih u dan allegatament kien qallu li x'imkien kellu jwahhlu.
Huwa ghalhekk kien cempel lil Alexis Vella Falzon biex jigi jarah u nduna wkoll li t-tarag ma kienx twahhal sew ghaliex kien hemm il-vojt taht il-gres. Alex Vella Falzon mar fuq il-post u ra x-xoghol u dwar il-kulur qallu li ma kienx qed jara avarija. Qallu li kien ser jara x'jista' jaghmel. Minn dakinhar 'l hemm pero' xoghol izjed ma sarx u s-socjeta' attrici kienet qed titlob li tithallas u huwa rrifjuta li jhallas qabel ma din tlesti x-xoghol.
Jghid li eventwalment ircieva ittra ufficcjali minghand is-socjeta' attrici fejn talbitu jhallas il-bilanc dovut. Huwa ghalhekk kien qabbad lill-perit Godwin Abela sabiex ihejji rapport dwar ix-xoghol li kien sar. Huwa fil-fatt esebixxa dan ir-rapport flimkien mal-ittra li kien ircieva. Dawn gew markati bhala Dok RB 4 u RB5. Jghid ukoll li kull darba li tkellem mas-socjeta' attrici dwar prezzijiet il-VAT dejjem kien inkluz. Jikkonferma wkoll li l-ewwel darba li ra d-Dokument VF1 kien ftit qabel ma nfethet il-kawza odjerna.

Semghet lil **Alex Vella Falzon** jerga' jixhed nhar it-tletin (30) ta' Gunju 2010 u kkonferma li l-ordni tal-konvenut kienet saret f'zewg konsenji u mistoqsi jekk kienx qallu li kien ser ikun hemm avarija fil-kulur tal-gres ix-xhud wiegeb li ma jiftakarx.

Rat illi l-attur fil-presenza tal-avukat tieghu ezenta lill-konvenut milli jressaq lill-Perit Godwin Abela sabiex jikkonferma r-rapport tieghu datat 24 t'April 2007 esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok RB4 u dan fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2010.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sitta (6) ta' Lulju 2010.

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk din il-kawza llum tinsab differita ghas-sentenza fuq il-mertu u cioe' jekk l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici dwar xoghol t'appalt hux dovut lilha in vista tal-eccezzjoni tal-konvenut li x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti.

Illli huwa principju pacifiku w ben konoxxut, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi:

"*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria.*" (**Vol. XXVII P I p 373**).

In effetti, "*huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi mplicita, tant li huwa tenut anke ghall-kolpa ljievi*." (**Vol. XL P I p 485**).

A bazi ghal dawn il-principji, ssokta jigi precizat illi:

"*Min jintraprendi li jaghmel bicca xoghol, iwiegeb ghad-difetti minhabba xoghol hazin jew ghal xoghol ezegwit b'materjal hazin. Ghalhekk, il-kommittent, li jidhrilu li x-xoghol sar hazin, ghandu dritt jitlob li jigi verifikat, permezz ta' perizja teknika, jekk il-hsara li timmanifesta ruhha hijiex dovuta ghal difetti tal-arti tat-tqeghid jew tal-materjali.*" (**Vol. XLI P I p 667**).

Huwa minnu li f'xoghol ta' din in-natura, u dan jghodd dejjem anke ghal xoghlijiet ohra, jezistu regoli ta' tolleranza, anke 'n rigward ta' difetti accertati fil-*mano d'opera*. Dan pero` jibqa' hekk, entro l-arginar ta' certi limiti, u ghalhekk dan hu l-ezercizzju li ghandha taghmel din il-Qorti.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Sede Inferjuri nhar is-sitta (6) t’Ottubru 2004 fl-ismijiet **Pierre Darmanin vs Moira Agius et** gie mfisser l-obbligu t’appaltatur u cioe:-

*“L-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess, fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. L-appaltant ghandu l-obbligu li jezegwixxi xogholu sew, skond is-sengha u l-arti u jrid jippresta almenu kapacita` ordinarja. Dan fis-sens li hu ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu”.*

*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt, huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina. Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem".*

*Dan hu hekk, avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.* ***L-appaltatur ghandu jirrezisti ordnijiet li jkunu ta' pregudizzju ghas-solidita` u kontra r-regoli tas-sengha u l-arti****. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent.*

*Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz.*

*Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, (*kif certament hu l-kaz in specie*), l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba nadempiment. Il-kolpa kontrattwali, hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas tal-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt.*

*A contrario senso, meta d-difetti huma ta' natura sostanzjali, l-appaltatur mhux biss ghandu jitqies*

*inadempjenti, imma wkoll li ma jkollux dritt li jippretendi li jirrimedja ghad-difetti fl-ezekuzzjoni tax-xoghol.”*

Illi f’sentenza moghtija ricentement mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-tmienja (8) ta’ Lulju 2008 fl-ismijiet **Alfred Theuma vs Vincenza Mallia** gie ritenut li:-

“*Huwa principju stabbilit fil-ligi taghna, li l-kuntrattur, qabel ma jindahal ghal bicca xoghol, ghandu jkollu l-kapacita’ teknika mehtiega w ghandu jiggarantixxi l-bonta’ tax-xoghol tieghu. Tant hu hekk li l-appaltatur li ma jottemporax ruhu mal-ftehim, jigifieri li jesgwixxi x-xoghol skond l-arti u s-sengha, mhux intitolat ghal hlas.’*

L-appaltatur, anke jekk ikun ordnat mis-sid sabiex jaghmel xoghol hazin, ghandu jirrifjuta li jaghmel xoghol hazin.

Tali ragunament jattalja mal-hsieb guridiku li jafferma illi jinkombi b’dover, fuq l-appaltatur jew imprenditur “*di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell’ arte.*” (**Vol. XXV P I p 727**);

Jinsab enuncjat ukoll illi:

*“L-appaltatur ghandu jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens, li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dana x-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li l-quddiem juri difetti. F’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem.*” – “**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et nomine**”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu 1972;

Issa f’din il-kawza ma kien hemm l-ebda talba sabiex jigi nominat perit tekniku sabiex jassisti lill-Qorti fl-ezami tal-provi dwar jekk verament l-appalt sarx skond is-sengha w l-arti, u ghalhekk din l-Qorti trid tistrieh biss fuq il-provi migbura mill-partijiet, stante li hija ma ratx ix-xoghol mertu tal-kawza. M’hemmx dubbju li mill-provi prodotti l-konvenut qed ighid li x-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti, u din l-eccezzjoni nghatat mill-bidu nett. Illi l-

konvenut qed ighid li t-tqeghid tal-madum ma sarx skond is-sengha w l-arti u dan ghaliex hemm vojt tahtu u in oltre hemm avarija fil-kulur tal-gres minn konsenja ghall-ohra u ghalhekk ix-xoghol ma sarx sew.

Dwar dan is-socjeta' attrici, tramite x-xhud taghhu Alex Vella Falzon tghid li seta' kien il-kaz li hemm vojt taht xi madum u dan ghaliex ma sarx livellar tal-materjal taht il-madum. Jghid ukoll li verament jista' jkun hemm avarija fil-kulur tal-gres peress illi l-gres kollu ma wasalx Malta f'konsenja wahda. Dan pero' jghid li gara peress illi l-konvenut kien tah *specifications* mod u maz-zmien il-haddiema innotaw li effettivament il-kejl li ttiehed ma kienx tajjeb ghaliex ma kienx hemm bizzejjed ordnat, u kien ghalhekk li kellhom jaghmlu konsenja ohra. Dwar l-ilmenti ghalhekk tal-konvenut jidher li m'hemmx kontestazzjoni. In oltre l-Qorti rat ir-rapport rilaxxjat mill-Perit Godwin Abela esebit fl-atti, liema rapport ma giex kontestat mis-socjeta' attrici. Dan ir-rapport jghid hekk "*I noted that the main staircase from the ground floor level main entrance to the first floor level was finished in a gres type floor tile and skirting which varied in clour and shades. The staircase remains in an unfinished state since the gres was not applied to the waist of the staircase near the landing. The skirting was also applied in an unusual way in that it was not sloping evenly along the angle of the staircase. I also noted that some of the threads were not properly glued or stuck to the underlay as tapping them produced a hollow sound. It ismy opinion that the parts of varying colour have to be replaced to match the rest and the badly laid threads have to be relaid.*"

In vista ta' dan ir-rapport tekniku, l-Qorti ma tistax tiskarta l-konkluzjonijiet hemm imsemmija u taqbel mal-kontenut tieghu u tiddikjara li effettivament ix-xoghol t'appalt ma sarx skond is-sengha w l-arti. Illi pero' din il-Qorti mhix f'posizjoni li tghid kemm ser jiswa lill-konvenut sabiex jaghmel dan ix-xoghol rimedjali, kif suggerit mill-Perit, sabiex jirranga l-izbalji li saru u ghalhekk *arbitrio boni viri* hija sejra tnaqqas somma flus minn dak pendenti sabiex taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas.

Il-Qorti ghamlet il-konteggi taghha skond l-affidavit ta’ Alexis Vella Falzon u tikkonkludi li l-ammont ta’ flus li huma mitluba minnha minghand il-konvenut rapprezentanti l-appalt, jammontaw ghal sitt elef tmien mija w seba’ Ewro (€6807) ekwivalenti ghal elfejn disa’ mija u zewg Liri Maltin u tlieta w hamsin centezmu (LM 2,922.53). Oltre dan trid tizdied is-somma likwidata minn din il-Qorti *arbitrio boni viri* ghall-valur ta’ tqeghid tal-items indikati min-numru 25 sa 27 fil-lista ta’ Alexis Vella Falzon. Hija kkalkolat is-*supply* u *lay* fil-valur ta’ elfejn seba’ mija w zewg Liri u sittin centezmi (Lm2,702.60) u ghalhekk hija qed tillikwida l-prezz ghax-xoghol ghas-somma ta’ elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Ewro (€2,329) ekwivalenti ghal elf Lira Maltin (LM1,000). Ghalhekk ix-xoghol t’appalt gie jiswa s-somma globali ta’ disat elef mija sitta u tletin Ewro u sebgha u tletin centesmu (€9,136.37). Dawn ic-cifri msemmija minn Alexis Vella Falzon fl-affidavit ma gewx kontestati fl-ebda hin, w ghalhekk il-Qorti sejra taghmel il-konteggi taghha a bazi tal-istess.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li x-xoghol kollu li ghamlet is-socjeta’ attrici kien hazin, w ghalhekk din il-Qorti sejra *a sua sponte* tirriduci s-somma dovuta sabiex tikumpensa lill-konvenut ghad-danni li sofra minhabba dan ix-xoghol hazin tas-socjeta’ attrici, f’kaz illi huwa sejjer jiehu passi sabiex jirrimedja dan ix-xoghol hazin.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika, u tal-eccezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni stante li dawn l-eccezzjonijiet diga’ gew trattati minnha. Tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici somma flus, pero’ fl-ammont ridott t’erbat elef sitt mija w tmienja w hamsin Ewro w erba’ w sebghin centezmu (€4658.74) ekwivalenti ghal elfejn Lira Maltin (LM2000), rapprezentanti x-xoghol t’appalt li sar minnha fuq inkarigu tal-konvenut. Tilqa’ wkoll it-tieni u t-tielet eccezzjoni filwaqt li tichad ir-raba’ eccezzjoni tieghu.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jithallsu in kwantu ghal terz mill-konvent u zewg terzi mis-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------